MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 140/2005

United Acceptances Finance Ltd (C360)
Vs
Salvatore Said ( ID Nru: 211862m ) u Fenici Insurance Brokers Ltd (C8873)

SEDUTA TAS-17 TA’ MEJJU 2005
Il-Qorti;
Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta’ attrici wara li ppremettiet: -

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ hamest elef tmien mija u erbghatax-il lira Maltija, tnejn u tletin centezmu, (LM5814.32), import ta’ kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta’ liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti “1” sa “35”;

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;
2. Tikkundannahom li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef tmien mija u erbghatax-il lira Maltija, tnejn u tletin centezmu, (LM5814.32), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;
Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;
Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------